MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Talba Numru. 1577/2004

**Jimcam Enterprises Limited**

**Vs**

**Chas Limited**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta’ Awissu 2004 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex is-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta’ Lm1276.72 (elf mitejn sitta u sebghin Lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu) dovuti ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-socjeta` attrici qed titlob il-hlas ta’ l-ammont ta’ elf u mitejn u sitta u sebghin lira u tnejn u sebghin centezmu (Lm1276.72), bilanc dovut mis-socjeta` konvenuta lis-

socjeta` attrici ghall-bejgh ta' prodotti, imghaxijiet relattivi, spejjez legali b'riserva ghall-imghaxijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. L-inkompetenza "ratione valoris" peress illi l-ammont reklamat huwa parti min ammont akbar f'kont kurrenti li jeccedi l-Lm1,500.
2. Bla pregudizzju ghall-premess, l-ammont mitlub huwa eccessiv.
3. Is-socjeta` attrici ghandha tipprezenta statement dettaljat f'sorte, imghaxijiet u spejjez ta' kif waslet ghall-ammont mitlub u x'jirraprezenta.
4. Illi din il-kawza hija konnessa ma' zewg kawzi ohra fl-istess ismijiet, u cioe` l-Avviz Nru 1570/2004AJD u l-Avviz Nru 1575/2004JB pendenti ukoll quddiem dan it-Tribunal diversament presejdut, u ghalhekk hu indikat li t-tlett kawzi jigu mismughin flimkien a tenur ta' l-Artikolu 793 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Bl-ispejjez.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidera

Illi jirrizulta illi z-zewg socjetajiet kontendenti f'din il-kawza kellhom xi negozju bejniethom u rrizulta l-kontestazzjoni fuq l-ammont dovut, jekk huwa dovut. Jirrizulta mix-xhieda ta' Jane Camilleri moghtija fis-seduta tal-14 ta' April 2005 illi, l-ammont lilhom dovut globalment mis-socjeta` konvenuta fis-somma ta' tlett elef erbgha mija u tmienja u tletin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmi (Lm3438.41), qasmuhom fi tlett kawzi. Pero' ma kull kawza ma gewx prezentati l-fatturi appoziti li jiggustifikaw l-ammont minnhom dovut. Di fatti prezentaw fl-odjerna kawza, prospett wiehed ghal ammont globali biex ikopri t-tlett kawzi.

Illi f'dan is-sens is-socjeta` konvenuta taghat eccezzjoni illi dan ma setax isir billi l-ammont kien wiehed globali u ma kien hemm l-ebda sostenn mill-prezentata tal-avviz attur illi kienu jiggustifikaw l-istess ammont. Dan lanqas ghamluh fil-mori tal-kawza ghaliex dana baqa jigi sostnut l-istess ammont globali pero` maqsum ghal skopijiet amministrattivi u mill-att ta' capo spese fil-mertu.

Is-socjeta` konvenuta pprezentat l-affidavit bid-dokumentazzjoni relattiva, tramite d-Direttur taghha Charles Mizzi a Fol 65 tal-process. L-affidavit tas-socjeta` konvenuta bid-dokumentazzjoni hemm indikat, meta nghaddew l-ammonti kollha, jaqbez is-somma ta' tlett elef u erbgha mitt Lira Maltin (Lm3400), ammont li jesorbixxi t-talba attrici nkluza fit-tlett kawzi ossia din odjerna l-1577/04, l-1574/04 u 1575/04.

Id-difiza konvenuta ma giet bl-ebda mod u manjiera kontestata mis-socjeta` attrici. Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni t-Tribunal ma ghandhux ghalfejn joqghod jiddubita mill-lecita tal-pretensjoni konvenuta. Huwa l-oneru ta' min jaghmel il-kawza li jipprova l-kaz tieghu. Sal-grad ta' almenu, bilanc ta' probabilita.

In vista tan-nuqqas ta' opposizzjoni ta' l-istess socjeta` attrici u in vista tad-dokumentazzjoni proposta mill-istess socjeta` konvenuta, t-Tribunal ma ghandhux ghalfejn jiddubita mill-veracita u mill-verosimilita tad-difiza konvenuta.

Jiddeciedi billi jilqa' sia l-ewwel eccezzjoni u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------